# IS-SALIB TAL-PELLEGRINI

## Eleanor Vella

Li kieku wieħed kellu jmur lura fiż-żmien, fit-22/26 ta' Lulju tal-1776 u jsib ruħu fil-bidu tan-niżla ta' Triq il-Kbira kien jilmaħ li fuq in-naħa tax-xellug kienu qed isiru xi xogħlijiet.

Imdawwar bix-xagħri u biswit il-mitħna tat-tħin tal-qamħ, is-Salib tal-Pellegrini kien qed ftit ftit jieħu l-forma biex jieħu post wieħed tal-injam. Dan is-salib kien sinjal ta' tama għal dawk il-mijiet ta' pellegrini li s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kien fil-qrib u għalhekk ftit kien baqa' sabiex jaslu u jagħtu qima lill-Madonna fl-għar tagħha.

Ix-xogħol ma kienx wieħed ħafif, il-ġebel, maqtugħ mill-Imqabba, nġarr fuq dgħajjes bil-baħar u nġib fuq il-post bil-karettuni. Ix-xogħol sewa 82 skud u meta tlesta, is-salib kien għoli 12-il pied. Dan il-monument inbena b'ħafna sengħa u tkompla żżejjen bi skultura u graffiti. Maż-żmien, l-iżvilupp żdied u l-pajsaġġ urban Mellieħi nbidel fid-dehra. Il-pellegrini ma baqgħux ifittxu s-slaleb biex ikunu jafu li s-Santwarju kien fil-qrib peress li żdiedu u tjiebu l-mezzi ta' komunikazzjoni u tat-trasport. U bħal ħafna bini storiku ieħor binjiet importanti spiċċaw mitluqa u abbandunati, jekk mhux ukoll vandalizzati. Kien għalhekk li f'April tal-1971 il-grupp 'Wirt Storiku Mellieħi' ħass il-ħtieġa li jnaddaf dan is-sit u talab lill-Awtoritajiet biex isir ir-restawr meħtieġ u li jsir taraġ min-naħa t'isfel biex wieħed ikun jista' jitla ħdejn il-Monument u l-post jitgawda aktar.

Fil-31 ta' Jannar, 1999 il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa inawgura ġnien zgħir ħdejn dan il-monument tas-salib u twaħħlu xi bankijiet sabiex is-sit jieħu dehra aħjar u jitgawda aktar mill-pubbliku. Postijiet bħal dawn fil-Mellieħa jixirqilhom rikonoxximent mill-poplu Mellieħi sabiex jibqa' mfakkar il-passat u tibqa' titrawwem fina l-għożża għall-istorja u t-tradizzjoni tar-raħal tagħna.

Taħt: 'Wirt Storiku Mellieħi' inaddaf is-sit tas-Salib tal-Pellegrini (1971)

Lemin: Is-Salib tal-Pellegrini kif jidher illum wara li ġie rrestawrat fl-1999 mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa



